MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 12/2006

**George Said, Joseph Said, u George Said u Joseph Said konguntivament bhala diretturi ghan-nom ta' "La Grotta Company Ltd".**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp.**

**(DECIZA** mill-Bord ta' l-Appell Dwar L-Ippjanar nhar is-27 ta' Settembru 2006) **PAB6/00 TSC.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' George Said, ta' Joseph Said u ta' George Said u Joseph Said konguntivament bhala diretturi ghan-nom ta' La Grotta Company Ltd. datat 12 ta' Ottubru 2006 a fol. 2 tal-process fejn esponew:-

1. Illi fis-16 ta' Dicembru 1999 hareg avviz biex tieqaf u ta' twettiq ECF 893/99 fuq il-fond ossia *nightclub* bl-isem "La Grotta Nightclub", Triq Xlendi, Munxar li jghid testwalment hekk:-

“Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'bini ta' diversi strutturi fdiversi livelli li jinkludu *pizzeria, stores*, *bars, toilets*, terrazzini/turgien u kmamar ghall-abitazzjoni li jinsabu minn l-entratura sal-livell t' isfel tal-wied, mat-tul kollu tal-kumpless “La Grotta".

Illi minn dan l-*enforcement notice* saru tliet appelli. Wiehed minn George Said u Joseph Said personalment, iehor kontra George Said bhala direttur ghan-nom ta' "La Grotta Company Ltd" u iehor kontra Joseph Said bhala direttur ghan-nom ta' "La Grotta Company Ltd";

2. Illi b'decizjoni datata 27 ta' Settembru 2006 il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell ta’ l-appellant odjern u kkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Nru. 893/99 mahrug fil-konfront ta’ l-appellanti *nomine*, b'dan illi l-avviz m'ghandux jibda jsehh qabel sittax-il gurnata millum.

3. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati b'din d-decizjoni u minnha qeghdin jitolbu appell quddiem din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell *a tenur* ta’ l-**artikolu 15 tal-Att ta' l-1992** dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp.

4. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**

5.1. In-nullita` tad-decizjoni li minnha qieghed isir appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

5.2. Illi fl-ewwel lok jinghad illi ghalkemm dan l-appell kien qieghed jinstema’ kontestwalment ma' zewg appelli ohra, jinghad bl-akbar rispett illi kellha tinghata decizjoni ghal kull appell u mhux decizjoni wahda ghat-tliet appelli.

5.3. Illi ghalhekk meta sar l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-istess Bord kellu jaghti tliet decizjonijiet separati u mhux wiehed f’daqqa.

5.4. Illi ghalhekk ir-rimedju f' dan il-kaz huwa li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Bord ta' l-Appelli.
5.5. Anke jekk jista' jinghad li nghataw tliet appelli, ghandu jirrizulta bic-car illi l-okkju tad-decizjoni ma jirriflettiex l-okkju ta' l-appell relattiv. (Dok. "A", Dok "B" u Dok. "C") huma t-tliet decizjonijiet li nghataw mill-Bord ta' l-Appelli, ilkoll identici nkluz l-okkju, u li bih il-partijiet ikunu identifikati.
5.6. Illi ghalhekk dan huwa punt ta' ligi li jaghti l-kompetenza lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

6.1. Illi l-ordni biex jieqaf u ta' twettieq indikat hawn fuq ma huwiex validu fil-ligi u dan peress illi huwa redatt b'mod generiku u lakoniku.
6.2. Illi dwar dan il-punt kien hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna li kollha jghidu illi l-avviz ta' twettieq kellu jkun specifiku u jindika bl-ezatt x'kien qieghed jigi addebitat lilu mill-Awtorita`. Ma jistax jkun illi wiehed jaqbad u johrog avviz b'mod generiku sabiex tkun xi tkun l-ezitu finali tal-proceduri, dan l-avviz jolqot x'imkien. Dan ghaliex l-individwu ghandu dritt jkun jaf x'qieghed jigi ndikat mill-Awtorita` bhala li mhux skond il-ligi.

6.3. Illi f' dan il-kaz l-*enforcement notice* kien jaqra hekk:
*"Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'bini ta' diversi strutturi f'diversi livelli li jinkludu pizzeria, stores, bars, toilets, terrazzini/turgien u kmamar ghall-abitazzjoni li jinsabu minn l-entratura sal-livell t'isfel tal-wied, mat-tul kollu tal-kumpless La Grotta"*
6.4. Illi dan l-argument qieghed jinghad 'l ghaliex jirrizulta illi l-appellanti sa mill-1986 kienu qeghdin ihallsu l-permessi necessarji ma' l-Awtoritajiet koncernati ghall-istabbiliment taghhom. L-appellanti ma jistghux jifhmu kif l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, harget *enforcement notice* b'dan il-mod, wara li ghaddew 'il fuq minn 14-il sena mill-ftuh tal-fond *de quo*, u ghal liema fond kienu jithallsu regolarment il-licenzji kollha necessarji (Dok. "VG 1").

**IT-TIELET AGGRAVJU**

7.1. Illi aggravju iehor huwa l-fatt li ma kellux ghalfejn jinhareg *enforcement notice* kontra Joseph Said personalment, kontra George Said personalment u kontra La Grotta Limited. *Se mai* kellu jinhareg *enforcement notice* wiehed. Illi l-Awtorita` kellha tressaq il-prova li l-appellanti odjerni jew xi hadd minnhom kien is-sid tal-fond *de quo*. Din il-prova ma saritx. Lanqas ma gabet xi prova li huma l-okkupanti ta' dan il-fond. Li sar huwa li nhareg *enforcement notice* u gew notifikati tliet persuni. L-ahwa Said u l-kumpanija La Grotta. Imkien fil-ligi ma jinghad illi sta ghal minn jircievi l-*enforcement notice* li juri li huwa ma ghandux x'jaqsam mal-fond *de quo*.

7.2. Huwa l-obbligu ta’ l-Awtorita` li meta tohrog *enforcement notice* hija tara li dan jinhareg fuq il-persuni li jkunu responsabbli minn dak il-fond u mhux taqbad u tohrog *enforcement notice* minghajr ma taghmel l-icken verifika.

7.3. Illi ghalhekk *se mai* l-Awtorita` kellha taghmel din il-prova, haga li baqghet ma ghamlitx.

7.4. Illi anke quddiem il-Bord japplikaw principji ta' dritt li huma llum il-gurnata ben definiti u maghrufa. Fosthom hemm il-massima "*incumbit ai qui dixit non ai qui negat*". U li l-konvenut jew intimat ma ghandu ghalfejn jipprova xejn. Sta ghal attur/rikorrent sabiex jipprova l-kaz tieghu, ovvjament sakemm ma jkunx hemm inverzjoni tal-provi haga li f'dan il-kaz ma kienx hemm.

**<u>IR-RABA’ AGGRAVJU</u>**

8.1. Illi l-Awtorita` appellata qabdet u harget *enforcement notice* fuq affarijiet li kienu diga` jezistu qabel l-1992 u li dwarhom ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni ‘l ghaliex anke skond <u>l-addetti</u> ta' l-Awtorita` appellata, jirrizulta li kollox kien in regola.

8.2. Illi skond ma xehed George Said, u skond id-dokumenti esebiti ghandu jirrizulta illi l-pizzeria msemmija fl-*enforcement notice* ilha topera sa mill-1986. Dejjem

thallsu l-licenzji ta' din il-pizzeria u fil-fatt qatt ma kien hemm ilment. L-ewwel darba li l-esponenti saru jafu b'din il-bicca xoghol kien meta huma rcevew l-*enforcement notice* odjern. Illi ghalhekk ma jistghux jifhmu kif issa, wara dawn is-snin kollha, qieghed jinghad illi huma ghandhom zvilupp minghajr permess meta dan il-permess kien ilu jezisti sa mill-1986. Hekk ukoll ghar-rigward tal-*bars, toilets,* terrazzini/turgien u kmamar imsemmija fl-istess *enforcement notice*.

8.3. Illi meta l-Bord ta' l-Appell stqarr illi *"l-approvazzjoni tal-permess ma wassalx sabiex l-izvilupp kolpit bl-avviz odjern gie sanat"* huwa kien qieghed jaghmel enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Illi dak kollu li kien hemm qabel ma nhareg il-permess fl-1995 kien kollox skond il-pjanti u skond ir-regolamenti. Hija argumentazzjoni fallaci li l-Bord jghid li l-Awtorita` jghid illi *“jekk waqt l-ipprocessar ta' applikazzjoni, l-Awtorita` tkun naqset milli tinduna b 'xi zvilupp iehor fuq is-sit li ma jkunx kolpit bl-avviz u ghalhekk, dan il-fatt ma jkunx ingieb a konjizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp, dan m'ghandux iwassal sabiex tali zvilupp awtomatikament jigi sanat, bhalma donnu qieghed jissottometti l-appellant".* Ikompli jghid il-Bord illi *"tali regola giet implimentata proprju sabiex isservi ta' deterrent biex wiehed jirregolarizza l-posizzjoni tieghu billi jissana l-izvilupp kollu li jkun hemm ‘on site' meta jigi sabiex jimplimenta zvilupp gdid u mhux biex l-applikant jigi vantaggjat minhabba l-fatt illi l-Awtorita` tkun naqqset milli tinduna bihom."*

8.4. Illi bil-hrug tal-permess tal-Gazebo fl-20 ta' Ottubru 1995 l-Awtorita` kienet qieghda effettivament tiddikjara li ma kienx hemm illegalitajiet fuq is-sit *de quo*, kuntrarjament ghal dak li qieghda tghid issa fl-*enforcement notice*. Jigifieri meta harget dan il-permess, l-Awtorita` kienet qieghda tohorgu ghax ma kienx hemm irregolaritajiet. Kulhadd jaf illi l-Awtorita` ma tohrogx permessi meta u jekk ikun hemm xi haga li ma hijiex koperta bil-permess. Hekk fil-fatt gara meta l-appellanti riedu jinstallaw *dish* tas-satellita. Dan il-permess ma inghatax sakemm ma gietx regolarizzata l-*parking area* li hemm faccata ta' l-istabbiliment.

8.5. Illi apparti dan kollu, skond zewg ittri datati wahda 4 ta' Ottubru 1994 indirizzata lil perit ta' l-appellanti u ohra datata 15 ta' Marzu 1995, l-appellanti gew mitluba sabiex jaghmlu *survey* tas-sit in kwistjoni. Hekk fil-fatt sar. Ghar-rigward tan-numri tal-permessi, dawn kollha saru qabel il-1992 u dejjem skond il-permessi (ara f 'dan is-sens ix-xhieda ta' Mark Cini, li fl-24 ta' Ottubru 2001 qal illi *"jiena nghid li l-istrutturi koperti fl-enforcement notices saru qabel il-1992 filwaqt li wara l-1992 saru embellishment u landscaping. Il-permess tal-Paradiso nhareg fl-20 ta' Ottubru 1995 u l-applikazzjoni ta' l-1994. Jiena nzid nghid li l-permess inhareg fuq alterations specifici u mhux dawk imsemmija fl-enforcement notice" u* fil-21 ta' Jannar 2004 qal illi *"ghar-rigward l-izvilupp principali li kien kopert bl-enforcement notices ohrajn u li jinsabu fil-livell principali dawn gew sanzjonati".* Izid jghid dan ix-xhud illi meta qal illi saru xi xoghlijiet ta' *embellishment* u *landscaping* dawn kienu *'jikkonsisti fi trangar tat-turgien u finishing tat-turgien u xoghol konness mal-kmamar li jinsabu fuq in-naha tax-xellug ta' Dok. "MCI" nikkonferma li dawn l-istrutturi kollha kienu in shell form qabel l-1992. Nikkonferma li recentement kien sar platform u bar fil-Wied u dan tnehha fl-1992 u jiena nikkonferma li hareg permess ghal Gazibo fl-1995 u huwa ndikat f'Dok. MCI".*

8.6. Illi ghalhekk l-appellant ma jistghux jifhmu kif il-Bord ta' l-Appell ikkonferma dan l-*enforcement notice* meta huwa stess, fid-decizjoni appellata jghid illi *"il-Bord jikkonkludi illi x-xhieda u d-dokumenti ta' l-ufficjal ta' l-enforcement Mark Cini huma iktar kredibbli u jaghti stampa cara ta' l-istorja ta' dan is-sit mil-lat ta' ppjanar".* Mela x-xhud ta' l-Awtorita` qieghed jghid li dawn ix-xoghlijiet saru qabel l-1992 u l-Bord qed jghid li ma jafx meta saru!

**IL-HAMES AGGRAVJU**

9.1. Illi l-Bord ta' l-Appell stqarr illi *"ghalkemm mhuwiex daqstant car meta sar l-izvilupp u cioe` jekk sarx qabel ma giet kostitwita l-Awtorita` fil-1992 jew wara u cioe` sad-data tal-hrug ta' l-avviz, jirrizulta b 'mod car minn qari ta' l-*

***artikoli 51 u 52*** *illi l-Awtorita` hija awtorizzata illi tipprocedi bi proceduri ta' nfurzar kemm fejn l-izvilupp ikun sar jew ikun qieghed isir kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Izvilupp (**Kap. 356**) kif ukoll fir-rigward ta' zvilupp li jkun sar qabel ma gie fis-sehh dak l-Att tenut kont tal-policies applikabbli u kunsiderazzjonijiet ohra fiz-zmien meta jkun sar l-izvilupp".*

9.2. Illi bl-akbar rispett jinghad li l-Bord ta' l-Appell ma rax ix-xhieda li nghatat mix-xhieda ta' l-Awtorita` appellata stess senjatament Mark Cini, liema xhieda diga` giet repetuta aktar 'il fuq. Mix-xhieda li hemm fl-atti ghandu jirrizulta kemm il-Bord kien zbaljat legalment meta kkonferma dan l-*enforcement notice* minflok skartah.

9.3. Illi anke meta l-Bord gie biex qal illi *"lanqas ma huwa verosimili dak illi xehed l-appellant George Said illi dak l-izvilupp kien jezisti dak iz-zmien u cioe` fil-1986, stante illi, fil-pjanti preparati mill-Perit tieghu stess u li abbazi taghhom inhareg l-istess permess (Red 1A) kulma jidher huma zewg strutturi zghar illi huma ndikati bhala ezistenti anke fuq is-survey sheet tal-1968 fl-istess file (Red 5) u li ma jikkombacjaw ma ebda mill-istrutturi li fir-rigward taghhom ittiehdu l-proceduri ta' nfurzar odjerni".* Illi dwar dan il-punt, l-appellanti ma jistghux jifhmu kif intqal hekk mill-Bord meta l-istess appellanti, ikkonfermaw illi fl-1986 kien hemm strutturi, tant illi kienu u ghadhom jithallsu l-licenzji tal-Pulizija ghal *Wines and Spirits Shop and Discotheque at La Grotta, Xlendi Road, Munxar, Gozo.* Dawn id-dokumenti gja` gew esebiti u qeghdin jigu annessi ma' dan l-appell for "*case of reference*".

9.4. Illi apparti dan kollu, l-Bord ta' l-Appell meta qal illi *"f'dan iz-zmien, kien rikjest permess tal-bini tant illi l-appellant Joe Said stess kien applika sabiex jikkostruwixxi xi strutturi ohra permezz ta' din l-ewwel applikazzjoni"* ma ndikax liema kienu dawk il-ligijiet vigenti, jekk kien hemm, u jekk dawn il-ligijiet kienux jirrikjedu li jintalab permess ghal per ezempju *change of use*, fost affarijiet ohra. Il-Bord kull ma ghamel huwa *sweeping statement* meta qal illi kien jehtieg permess. Taht liema ligi kien rikjest dan il-permess, jekk dejjem kien rikjest.

**IS-SITT AGGRAVJU**

10.1. Illi l-ahhar aggravju huwa li l-Bord ta' l-Appell ma dahalx fil-kwistjoni ta’ l-allegata diskriminazzjoni politika li kienet tqajmet quddiemu permezz ta' aggravju *ad hoc*. *Di fatti* jekk wiehed jara s-sentenza preliminari tat-23 ta' Ottubru 2002 ghandu jirrizulta bic-car illi *"din id-decizjoni ta' natura preliminari qed tigi limitata ghall-eccezzjonijiet sollevati da parti ta’ l-appellanti fin-nota taghhom tal-21 ta' Marzu 2002 hlief ghall-eccezzjoni rigward diskriminazzjoni politika u eccezzjonijiet fil-mertu".*

10.2. Illi fid-decizjoni tas-27 ta' Settembru 2006 dan il-punt ma gie dibattut fl-ebda parti tas-sentenza. Illi ghalhekk dan in-nuqqas ukoll iwassal ghan-nullita` tad-decizjoni tal-Bord.

Ghal dawn il-motivi, l-appellanti filwaqt li jaghmlu referenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngiebu quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u jirrizervaw li jgibu dawk id-dokumenti u xhieda u jaghmlu sottomissjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jitolbu umilment illi din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tas-27 ta' Settembru 2006 li biha cahdet l-appell taghhom u ikkonfermat l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq Nru. ECF 893/99 mahrug fil-konfront ta’ l-appellanti, u terga’ tirrinvija l-atti lura lill-Bord sabiex huwa jiddeciedi dan il-kaz skond il-ligi. Fin-nuqqas, tirrevoka u thassar id-decizjoni hawn fuq imsemmija u konsegwentement tiddikjara li l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq Nru. ECF 893/99 mahrug fil-konfront ta’ l-appellanti ma ghandux jibqa’ fis-sehh u b'hekk tilqa’ l-appell taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti esebiti kif jidhru a fol. 8 sa 54 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Novembru 2006 a fol. 55 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-

*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“George Said vs DCC”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-appell ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 30 ta’ Jannar 2007 a fol. 58 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi minkejja li xi aggravvji ta' l-appellanti jikkoncernaw punti ta' dritt relattivi ghall-punti mressqa quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar, huwa daqstant ovvju illi l-aggravvji l-ohra huma minn punti ta' fatt illi tressqu u gew determinati mill-istess Bord ta' l-Appelli.

2. Illi hija l-umli opinjoni ta' l-appellata illi l-ewwel aggravvju jinkwadra ruhu f’punt ta' dritt. Izda minkejja dan, tali aggravvju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

3. Illi jinghad bir-rispett illi kuntrarju ghal dak allegat mill-appellanti, fir-realta` dejjem kien hemm Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq wiehed u cioe` dak bin-numru ECF 893/99. Dan l-Avviz inhareg kontra l-appellanti kollha fid-diversi kapacitajiet taghhom u cioe` bhala okkupanti tas-sit u sidien tas-sit. Izda dan dejjem kien Avviz wiehed. Kienu l-appellanti illi ddecidew illi interponu appelli differenti minn dan l-istess Avviz, u kull ma ghamel il-Bord kien illi gabar dawn kollha fi procedura wahda u wara illi sema’ il-provi kollha relattivi ghall-appell minn dan l-Avviz, ta decizoni wahda fejn tratta l-punti kollha mqajma fir-rikorsi ta' l-appell interposti quddiemu. Wiehed ma jistax jifhem il-bazi legali illi skond l-istess appellant wasslet ghan-nullita` tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli, *stante* illi dawn kienu appelli mill-istess Avviz, u ma kien hemm l-ebda mpediment ghall-Bord biex jisma’ u jiddeciedi l-istess f’ decizjoni wahda. Illi jekk wiehed jaghmel analogija ma’ proceduri quddiem il-Qrati Civili, l-argument ta' l-appellanti jwassal ghall-assurdita` illi f' kaz fejn ikun hemm kontro-talba jew kjamat fil-kawza jew appell incidentali, jinghataw numru ta' decizjonijiet mill-Qrati u mhux decizjoni wahda illi tkopri l-partijiet kollha fi procedura unika. Certament illi proceduri quddiem tribunal amministrattiv ghandhom jitmexxew b'mod illi filwaqt illi d-

drittijiet ta' l-appellanti ma jigux lezi, tigi mharsa wkoll l-ekonomija tal-gudizzju.

4. Illi jekk l-appellanti kellhom xi problema bil-procedura addottat mill-Bord ta' l-Appelli, jew jekk tali procedura illediet xi drittijiet ta' l-appellanti, huma setghu facilment talbu illi l-proceduri ma jitmexxewx b'dan il-mod tant illi mill-bidu nett tal-proceduri dawn l-appelli mxew fl-istess procedura.

5. Illi l-istess jinghad ghall-okkju. Il-Bord ta' l-appell, wara illi kkonstata illi dan kien fil-fatt jitratta appelli mill-istess Avviz, gabar ir-rikorsi kollha (tant illi rrefera ghalihom fid-decizjoni tieghu) u gabar ukoll l-appellanti kollha, u cioe` dawk l-individwi illi fil-konfront taghhom inhareg l-Avviz. L-appellanti kollha huma lkoll identifikabbli u lkoll gew indikati b'mod korrett fil-kapacita` li fiha nhareg l-istess Avviz, u ma tezisti l-ebda skorrettezza f' dan is-sens.

6. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravvju, u cioe` illi l-Avviz huwa null minhabba illi huwa miktub b'mod generiku. Il-Bord ta' l-Appelli, wara li qies dan l-ilment, ikkonkluda korrettament illi l-istess Avviz kien validu *stante* illi kien specifiku bizzejjeb li jirreferi ghall-illegalitajiet li kien hemm fuq is-sit. Jinghad bir-rispett illi l-fatt illi l-appellanti kienu jhallsu xi licenzji mis-sena 1986 huwa kompletament irrilevanti *stante* illi kif irrizulta mill-provi migbura, il-licenzji li kienu jithallsu bl-ebda mod ma kienu jkopru l-izvilupp kollu li kien hemm fuq is-sit mertu tal-vertenza odjerna. Certament illi l-mod li bih inkiteb l-avviz *de quo* huwa kompletament differenti mill-Avviz illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Superjuri fl-appell **Vella vs. PA** (4 ta' Dicembru 1995) fejn l-Avviz kien miktub fis-sens "ghandek zvilupp minghajr permess". U anke f dan il-kaz, l-istess Onorabbli Qorti kkonkludiet illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrekorri ghas-sanzjoni estrema li tiddikjara null l-istess Avviz f' kaz eccezzjonali, u mhux f' dawk il-kazijiet fejn l-appellanti setghu facilment identifikaw l-illegalita`, kif fil-fattt kien f'dan il-kaz.

7. Illi t-tielet aggravvju ta' l-appellanti huwa daqstant iehor infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi

michud bl-ispejjez kontra l-istess appellanti. Huwa car illi l-Avviz mertu tal-vertenza odjerna gie servut fuq is-sidien tal-fond *de quo* kif ukoll fuq l-okkupanti ta' l-istess fond. In-notifika ta' l-avviz trid necessarjament issir fuq dawk l-individwi illi skond l-informazzjoni illi ghandha l-Awtorita` huma sidien jew okkupanti tal-fond, u dan peress illi izjed milli min hija l-persuna illi giet notifikata, l-indentifikazzjoni tal-fond hija l-izjed fondamentali. Tant illi Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq jibqa' fis-sehh anke jekk jinbiddlu s-sidien u/jew l-okkupanti. Kuntrarju ghal dak allegat mill-appellanti, l-informazzjoni li kellha l-Awtorita` appellata kienet dik li l- istess appellanti ssottomettew bhala dokumentazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema dokumenti jikkonfermaw illi f' xi hin jew iehor l-appellanti gew identifikati bhala okkuppanti jew *licensees* kif ukoll sidien. Dawn kienu l-provi li kellha u li ressqet l-Awtorita`, u certament jekk l-appellanti kellhom xi prova kuntrarja dawn setghu ressqu tali provi huma.

8. Illi r-raba' u l-hames aggravvju huma daqstant iehor infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-appellanti *stante* illi dawn huma msejsa fuq punti ta' fatt u bl-ebda mod ma jincidu fuq xi punt ta' dritt deciz mill-Bord ta' l-Appelli. Ghaldaqstant jigi sottomess illi dawn l-aggravji ta' l-appell m'humiex ibbazati fuq punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2)** ta' l-att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)'.*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp,** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996) fejn gie spjegat illi:

*`Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet*

*kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.'*

F' dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta' decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta' fatt u punt ta' dritt u senjatament:

**Frans Cuschieri vs. DCC (10/02 RCP)**
**Santino Gauci vs. DCC (32/01 RCP)**
**Salvu Sciberras vs. PA (26/01 RCP)**

Ikoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Marzu 2003.

9. Illi huwa car illi l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq il-mod li bih il-Bord ta' l-Appelli applika *policies* u nterpreta fatti applikabbli ghal dan il-kaz.

10. Certament illi l-Bord ta' l-Appelli dahal fid-dettal fl-allegazzjoni illi l-allegati strutturi kienu jezistu qabel l-1992, u kkonferma illi minkejja li kien hemm xi strutturi, kien hemm strutturi ohra illi kienu saru b'mod illegali.

11. L-argument ta' l-appellanti f' dan il-kuntest sussegwentement jizvolgi fuq zewg binarji u cioe`:

a. L-Awtorita` appellata m'ghandiex gurisdizzjoni biex tissindaka illegalitajiet li sehhew qabel l-1992; u

b. Peress illi fl-1995 l-Awtorita` appellata kienet harget permess ghal xi Gazebo, b'daqshekk hija ssanat l-illegalitajiet li kienu jezistu.

12. Illi biex jinghad illi kuntrarju ghal dak allegat sew l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (**artikolu 51 u 52**) kif ukoll il-gurisprudenza tal-Qrati Civili (*vide* fost ohrajn **Debrincat vs. MEPA** (Appell 23 ta' Frar 2005)) jikkonfermaw illi l-Awtorita` ghandha l-gurisdizzjoni biex tissindika dak li sehh qabel l-1992, u cioe` d-data tal-kostituzzjoni taghha. U ghaldaqstant, meta fil-fatt sehhet l-illegalita` tigi materja ghal kollox irrilevanti.

13. Illi l-istess jinghad ghall-allegazzjoni illi bl-approvazzjoni tal-permess tal-gazebo fl-1995, l-Awtorita` kienet issanat l-illegalitajiet kollha. Jibda biex jinghad illi r-regola illi permess jigi michud jekk ikun hemm illegalitajiet fuq is-sit harget fl-1996 (*circular* 2/96), u ghaldaqstant, tali

principju ma kienx applikabbli fl-1995. Illi *oltre* dan, dan il-principju huwa kompletament bil-maqlub ta' dak allegat u sottomess mill-appellanti. Il-poter illi l-Awtorita` tichad applikazzjoni jekk jirrizulta li kien hemm illegalita fuq is-sit u li mhijiex mertu ta' l-applikazzjoni sottomessa hija ghodda f' idejn l-Awtorita` biex tinforza l-poteri taghha f' kaz ta' illegalita`. Izda certament ma japplikax il-maqlub, u cioe` illi jekk l-Awtorita` ma tkunx taf li hemm illegalita`, u hija tapprova permess ghal xi haga li ma jkoprix l-illegalita`, hija tkun qieghda tissanzjon l-illegalita`. Tant illi, bhal ma gara f'dan il-kaz, jista' jkun illi l-Awtorita` ma tkunx ghadha taf bl-illegalita` tant illi ma jkunx ghadu inhareg Avviz biex tieqaf u ta' Twettieq fuq is-sit *de quo*. *Oltre* minn dan, l-Att dwat l-Ippjanar huwa car fis-sens illi kull zvilupp jehtieg permess, u b'konsegwenza t' hekk, kull permess jkopri dak l-izvilupp li ghalih tkun qed issir talba.

14. Illi fl-ahhar nett issir referenza ghall-ahhar aggravvju u jigi sottomess illi kuntrarjament ghal dak allegat, il-Bord fil-parti finali tad-decizjoni tieghu analizza l-ilment ta' diskriminazzjoni u kkonkluda illi *stante* li l-appellanti ma kienu ressqu l-ebda prova f' dan is-sens, dan l-aggravju gie michud.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib il-provi kollha permessi mill-Ligi, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tas-27 ta' Settembru 2006 fl-istess ismijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fil-31 ta' Jannar 2007 u fit-22 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejjah l-appel dehret Dr. Claire Stafrace Zammit u Ivor Robinich ghall-awtorita` appellata u Dr. Vincent Galea ghall-appellanti prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan il-kaz jittratta dwar appell minn decizjoni tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar moghtija fis-27 ta' Settembru 2006 u li tinsab esebita bhala Dok. "A" a fol. 8 *et sequitur* tal-process.

Illi huwa opportun li jigi trattat l-ewwel aggravju ta' l-appellanti odjerni li huma George Said, Joseph Said, u George Said u Joseph Said konguntivament bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' La Grotta Company Limited u fejn l-istess appellanti qed isostnu li d-decizjoni moghtija mill-Bord li ta' l-Appell dwar l-Ippjanar imsemmija hija nulla u bla effett peress li ghalkemm dan l-appell (PAB6/00TSC) kien qieghed jinstema' kontestwalment ma' zewg appelli ohra xorta kellu jkun hemm tliet sentenzi u mhux sentenza wahda li nkorparat tliet decizjonijiet (dawk allura fil-proceduri PAB8/00TSC u PAB451/99E TSC), u anke jekk jinghad li hemm tliet appelli l-okkju tad-decizjoni ma jirriflettix l-okkju ta' l-appell relattiv.

Illi min-naha taghha l-Awtorita' appellata sostniet li ghalkemm dan l-aggravju huwa punt ta' dritt dan huwa bla bazi peress li kien hemm Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettiq wiehed ECF 893/99 u dan l-avviz hareg kontra l-appellanti kollha fid-diversi kapacitajiet taghhom kemm bhala okkupanti u bhala sidien tas-sit mertu ta' l-istess. Kienu l-istess persuni hekk notifikati li nterponew appelli differenti, b'dan li kull ma ghamel il-Bord kien biss li gabar l-istess fi procedura wahda u ta decizjoni wahda, u l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kellux impediment li jaghti decizjoni wahda. Qalet li l-istess jigri fil-kaz ta' kontro-talba jew kjamat fil-kawza jew appell incidentali fejn dejjem tinghata decizjoni wahda u mhux diversi, u dan ghandu japplika bhal anologija fil-kaz indikat. L-Awtorita' appellata jidher ukoll li qed tiggustifika dak li sar ghal dak li sejhet bhala l-ekonomija tal-gudizzju u bl-ebda mod id-drittijiet ta' l-appellanti ma gew lezi.

Illi din il-Qorti tirrileva li fil-kaz in kwistjoni kien jittratta dwar il-hrug ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 893/99 fuq il-fond ossia *"nightclub"* bl-isem "La Grotta NightClub", Triq Xlendi, Munxar li kien jipprovdi li:-

*"Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'bini ta' diversi strutturi f'diversi livelli li jinkludu pizzeria, stores, bars, toilets, terrazzini/turgien u kmamar ghall-abitazzjoni li jinsabu minn l-entratura sal-livell t'isfel tal-wied, mat-tul kollu tal-kumpless "La Grotta".*

Illi minn dan l-*enforcement notice* saru tliet appelli. Illi l-appellanti allegaw li dawn saru wiehed minn George Said u Joseph Said personalment, l-iehor kontra George Said bhala direttur ghan-nom ta' "La Grotta Company Ltd" u iehor kontra Joseph Said bhala direttur ghan-nom ta' "La Grotta Company Ltd". Fil-fatt dak odjern huwa kontenut fil-file PAB6/00TSC sar minn George Said ghan-nom ta' "La Grotta Company Limited" datat 24 ta' Dicembru 1999 (ricevuta datata 3 ta' Jannar 2000). Jidher li sar appell iehor datat 25 ta' Novembru 1999 (ricevuta datata 6 ta' Dicembru 1999) minn George Said u Joseph Said (rappresentati mill-Perit Emanuel Vella) u dan l-appell inghata n-numru 451/99E TSC; u fl-ahharnett jidher li sar appell iehor minn Joseph Said ghan-nom ta' "La Grotta Company Limited" datat 24 ta' Dicembru 1999 (ricevuta datata 5 ta' Jannar 2000) u dan inghata n-numru PAB8/00TSC).

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss bla ebda dubju li saru u gew accettati mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar tliet appelli distinti minn xulxin bhala procedura ghalkemm dawn l-appelli saru mill-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq identiku ECF893/99, u fil-fatt l-istess tliet appelli gew ikkunsidrati bhala tlett proceduri differenti minn xulxin tant li nzammu fi tliet *files* separati u l-verbali tas-seduti kienu qed jinzammu ghal kull appell, u dan minkejja li l-Bord iddecieda anke kif jidher fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2000 (ta' l-appell Numru 6/00 TSC) li l-appelli Numri 6/00 u 8/00 jinstemghu kontestwalment ma' l-appell numru 451/99E.

Illi fil-fatt hekk gara ghalkemm ma hemm l-ebda dubju li xorta wahda kien hemm tliet appelli quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u dan jirrizulta anke mill-verbali mizmuma mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, nkluz fil-process odjern ta' l-Awtorita' mertu tal-kawza odjerna fejn per ezempju fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2004, jinghad li *"dawn l-appelli gew differiti llum sabiex …………Il-Bord jiddiferixxi dawn l-appelli ghal dan l-iskop ghad-9 ta' Frar 2005 fil-11.00.a.m. ghat-trattazzjoni finali u wara jithallew ghal decizjoni".* Il-plural fl-istess frazi citata jindika li ma kien hemm ebda dubju li *si tratta* ta' tliet appelli, li ghalkemm kienu qed jinstemghu flimkien ghaliex ovvjament konnessi, kienu jimmeritaw u kellu gustament ikun hemm tlett decizjonijiet separati u mhux decizjoni unika li tinkorpora t-tliet appelli kif jidher li ghamel il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni unika tieghu tas-27 ta' Settembru 2006 u fejn fl-istess sentenza gew inkorporati t-tliet appelli PAB 8/00 TSC, PAB 6/00 TSC u dak PAB 451/99E TSC, u b'hekk l-istess tliet appelli gew inkorporati fi procedura u decizjoni unika u dan meta l-**Kap 356** bl-ebda mod ma jipprovdi ghal dan.

Illi anzi din il-Qorti thoss li l-provedimenti ta' l-istess Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jimmilitaw kontra l-istess tant li l-**artikolu 52 (9)** ta' l-istess jipprovdi li:-

*"Kull persuna li thossha aggravata b'avviz ta' twettieq notifikat lilha tista', fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta' l-avviz, tappella kontra tieghu lill Bord ta' l-Appell, u dwar kull appell dak il-Bord…….".*

Illi l-istess hemm provdut fl-**artikolu 15 tal-Kap 356** in kwantu rilevanti ghall-kaz in ezami u ma hemm ebda dubju li minn kull l-istess appell ghandu jkun hemm decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, u li kull wahda hija finali hlief ghall dak provdut fl-**artikolu 15 (2)** u dan dwar appell quddiem din il-Qorti fil-limiti mposti mill-ligi, u ovvjament dan jaghti lok ghall appell separat minn kull decizjoni, b'dan li gustament fil-kaz odjern sar appell distint mill-istess decizjoni, u din il-Qorti fil-fatt u minkejja s-similarita' tal-kazi u l-konnessjoni bejn l-istess appelli, hija obbligata

li taghti decizjoni fuq kull appell u dan ghalkemm ovvjament tista' jsir riferenza ghall-istess.

Illi ma hemm l-ebda dubju li dan huwa l-ispirtu tal-Ligi anke f'dak li hija procedura stabbilita minnha ndikata anke fit-**Tielet Skeda dwar l-artikolu 15 tal-Kap 356** b'dan li ghalkemm il-Bord ta' l-Appell ghandu d-dritt sabiex jirregola l-procedura tieghu, dan ma jfissirx li diversi proceduri ta' appell jew numru ta' appelli ghandhom jigu nkorporati f'decizjoni wahda li tapplika ghal kollha kif sar fil-kaz in ezami.

Illi fil-fatt l-analogija li tista' tittiehed fil-kazi civili, hija dik li tipprovdi ghall-konnessjoni ta' kawza ma kawza ohra skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 793 tal-Kap 12** li jipprovdi li Qorti tista' taghti ordni li diversi kawzi jinstemghu flimkien, izda xorta wahda l-Qorti hija tenuta li taghti sentenza separata f'kull kawza quddiemha b'dan li kull wahda tkun motivata fejn f'dan il-kaz huwa permess li ssir riferenza ghall-motivi tas-sentenza ta' wahda mill-kawzi l-ohra li jkunu gew mismughin flimkien (**artikolu 793 (3) tal-Kap 12).**

Illi dan huwa konformi ma' dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Philip Camilleri vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 27 ta' Marzu 2003) fejn inghad li ma kien hemm xejn hazin li proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jinstemghu kontestwalment la darba l-appellant qatt ma nsista li l-appelli hemm indikati jimxu separatmwent, u anke li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jirregola l-proceduri tieghu u b'hekk mhux bilfors li l-provedimenti tal-**Kap 12** dwar procedura japplikaw ghall-istess Bord b'dan pero' li xorta wahda hem mil-htiega li ghandu jkun hemm decizjonijiet mill-istess Bord konformi man-numri ta' appelli pprezentati u dan ghalkemm decizjoni wahda tista' taghmel riferenza ghad-decizjoni l-ohra, l-aktar bl-iskop li tevita ripetizzjonijiet bla bzonn, *purche'* kull wahda tkun *ben* motivata skond kif inghad fl-istess sentenza.

Illi ssir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"Joseph u Benedict Zarb vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** moghtija

mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Gunju 2001 fejn gie indikat li meta zewg appellanti jappellaw flimkien u b’talba unika ghandu jithallas dritt wiehed ghall-appell skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**Avviz Legali 7 ta’ l-1993**. Dan ifisser li meta hemm diversi talbiet distinti ghall-appell jithallsu drittijiet daqs kemm hemm appelli u dan huwa proprju li gara fil-kazijiet kollha llum taht ezami fejn ghal kull appell, inkluz, dak odjern thallas dritt ta’ appell, u dan ghaliex kien hemm tliet appelli separati u allura kellu jkun hemm tlett decizjonijiet separati, kif din il-Qorti sejra taghti proprju ghaliex hemm tliet appelli quddiemha.

Illi fis-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar illum taht ezami hemm riferenza ghal dak li jissejjah appell kumulattiv izda dan skond is-sentenza appena citata jirreferi ghal meta diversi appellanti jaghmlu procedura ta’ appell unika (**artikolu 3 ta’ l-A.L. 7 ta’ l-1993**) – f’dan il-kaz l-ilment ta’ l-appellant odjern hija li saru tliet appelli separati u kull appell fil-fatt sar hlas ghalih skond id-disposizzjonijiet applikabbli dwar drittijiet, kif jidher car mill-*files* relattivi u drittijiet imhallsa mill-appellanti rispettivi u accettati mill-Awtorita’ appellata u din ir-realta’ hija evidenzjata wkoll mill-fatt li saru tliet proceduri separati ta’ appell, li nzammu fi processi separati u b’verbali separati ghalkemm l-appelli instemghu kontestwalment u dawn allura kellhom iwasslu ghal tliet decizjonijiet, wahda ghal kull appell, u mhux decizjoni wahda li tinkorpora tliet appelli, procedura li bl-ebda mod il-**Kap 356** ma jikkonsidra u *in verita’* lanqas il-**Kap 12**.

Illi meta wiehed ihares lejn is-sentenza moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar tas-27 ta’ Settembru 2006 din il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li nghatat decizjoni unika ghat-tliet appelli PAB 8/00 TSC, PAB 6/00 TSC u PAB 451/99 E TSC, tant li fl-istess sentenza hemm riferenza ghat-tliet appelli u fil-fatt it-tliet appelli quddiem l-istess Bord huma msemmija fl-istess decizjoni medessima u flimkien indirizzati u ghalhekk dan jirrendi l-istess decizjoni nulla u bla effett ghaliex kellha tinghata decizjoni separata ghall kull appell hekk pprezentat quddiem l-Awtorita’ u hekk accettat mill-istess. Il-fatt li t-tliet appelli

nstemghu flimkien ma jbiddel bl-ebda mod in-necessita' ta' tliet decizjonijiet separati ghat-tliet appelli prezentati.

Illi jinghad li fl-istess *files* ta' l-Awtorita' (dak indikat bhala appell numru 6/00 TSC) hemm dak imsejjah bhala Rapport Mejju – 2001 dwar Zvilupp Grotta NightClub, Triq Xlendi, Munxar, Ghawdex iffirmat minn certu Mark Cini fid-29 ta' Mejju 2001 u fiha jinghad li dwar ECF893/99 hargu avvizi fid-29 ta' Ottubru 1999 fil-konfront ta' Joseph Said u fil-konfront ta' George Said u tas-16 ta' Dicembru 1999 fil-konfront ta' Joseph Said ghan-nom u in rappresentanza ta' La Grotta Company Limited u fil-konfront ta' George Said ghan-nom u in rappresentanza ta' La Grotta Company Limited u wkoll li:-

*"L-Appelli pendenti huma:*

- *PAB451/99E - Appell minn George u Joseph Said mill-Avviz datat 29/10/99.*
- *PAB6/00E - Appell minn George Said mill-Avviz datat 16/12/99.*
- *PAB8/00E – Appell minn Joseph Said mill-Avviz datat 16/12/99"*

Illi dawn huwa accettat mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha fejn accettat li kien hemm diversi appelli fuq l-istess Avviz ghalkemm il-konkluzjoni minnha raggunta, fis-sens li ghalhekk ma hemm xejn x'izomm li l-Bord jaghti decizjoni wahda hija manifestament legalment zbaljata. L-istess huma nkorretti l-assimilazzjoni ta' l-aggravju odjern ghall-kuncett ta' kontro-talba, kjamat fil-kawza u appell incidentali, li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna, li hija dik semplici li ghal kull appell ghandu jkun hemm decizjoni separata, anke meta jkun hemm ordni ta' tali appelli jinstemghu flimkien.

Illi jinghad ukoll ghall-kompletezza li fil-verita' l-istess decizjoni ta' Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar lanqas hawn ma hija preciza ghaliex hija taghmel riferenza ghal tliet appelli izda mbaghad tirreferi biss ghall-appell indikat li gie pprezentat mill-Avukat Dottor Anton Refalo LL.D. f'isem l-appellanti George Said u Joseph Said *noe*, meta fil-verita`

jidher li kien hemm appell iehor ipprezentat mill-Avukat Dottor Anton Refalo f'isem Joseph Said fil-kwalita' tieghu indikata datat 24 ta' Dicembru 1999 u ttimbrat 5 ta' Jannar 2000 (PAB 8/00 TSC) li allura lanqas huwa strettament indikat fl-istess decizjoni – ghaliex gie kkunsidrat bhala appell identiku ghalkemm l-istess sentenza taghmel riferenza ghat-tliet appelli. Dan apparti l-appell indikat li gie pprezentat minn Emanuel Vella ghan-nom ta' l-appellanti li huwa msemmi fl-istess decizjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti odjerni u b'hekk tiddikjara l-istess decizjoni tas-27 ta' Settembru 2006 bhala nulla u bla effett. Minhabba f'dan ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol f'aggravji ohra.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta' ta' l-appell ta' l-Awtorita' appellata datata 30 ta' Jannar 2007 in kwantu l-istess hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju tar-rikors ta' l-appell tal-appellanti datat 12 ta' Ottubru 2006,** u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"George Said, Joseph Said, u George Said u Joseph Said konguntivament bhala diretturi ghan-nom ta' "La Grotta Company Limited" vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Izvilupp"** tas-27 ta' Settembru 2006 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------